MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1747/2014/1

**Mary Rose Gauci bint Nicholas u**

**Michelina nee Callus imwielda Luqa u**

**residenti Mosta housewife**

**vs**

**Michael Camilleri iben John u Carmela nee Borg**

**imwieled Santa Venera u residenti Rabat u**

**martu Doreen Camilleri bint Joe u Carmela nee Borg**

**imwielda Awstralja u residenti Rabat**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tal-4 ta' Novembru 2014 fil-konfront tal-intimati biex l-istess intimati ma jiddisponux mil-proprjeta 19 Triq Santa Maria, Rabat peress li hi ghandha kreditu naxxenti minn sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Gunju 2014;

Rat ir-risposta ta' Doreen Camilleri li fost id-diversi eccezzjonijiet li ghamlet sostniet li fl-imsemmija sentenza giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk dan il-mandat ma ghandux jikkolpixxi lilha;

Rat is-risposta ta' Michael Camilleri li sostna li s-sentenza hi mertu ta' appell pendenti u illi fost l-aggravji qed jigi sostnut illi martu Doreen messha kienet ukoll parti mill-kawza. In oltre jghid li l-proceduri ta' separazzjoni bejnu u martu ghadhom ghaddejjin fejn fost affarijiet ohra jrid isir l-ispartazzjoni tad-dar konjugali, cioe din in kwistjoni li fiha ghadha tirrisjedi martu bhala d-dar matrimonjali;

Iz-zewg intimati jikkontendu li l-valur tad-dar hu bil-wisq akbar mill-ammont pretiz u l-pregudizzju li ser isofri jekk dan il-mandat jigi milqugh hu hafna akbar minn tar-rikorrenti. Del resto il-mandat seta' sar fuq il-mobbli biss;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu

jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak;  inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Il-Qorti tqis illi fil-konfront ta' Doreen Camilleri, dan il-mandat ma ghandu jkollu ebda effett peress illi l-pretensjoni ta' dritt tar-rikorrenti hu msejjes fuq is-sentenza favur taghha fejn l-istess Doreen Camilleri giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Kwindi l-jedd pretiz mir-rikorrenti kontra Doreen Camilleri naxxenti mis-sentenza fil-kawza 1073/12 ma jezistix.

In kwantu ghal Michael Camilleri pero gie stabbilit id-dritt tar-rikorrenti fil-konfront tieghu u ex admissis jammetti illi d-dar hu l-uniku assi tieghu u martu. Il-Qorti ma ghandhiex mezz kif tiggarantixxi lir-rikorrenti li d-drittijiet taghha jistghu jigu preservati jekk il-mandat ma jintlaqax fil-konfront ta' Michael Camilleri ghal sehmu mill-proprjeta. Il-fatt li l-valur tas-sehem Michael Camilleri fl-istess proprjeta jista' jkun hafna akbar minn dak pretiz ma jiggustifikax ic-cahda tal-mandat.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tiddecied billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2014 fil-konfront ta' Doreen Camilleri, u tikkonferma l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Michael Camilleri ghal sehmu fuq il-proprjeta 19 Triq Santa Maria,

Rabat. Spejjez ghall-intimat Michael Camilleri hlief ghal dawk ta' Doreen Camilleri li ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------